MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**LAURENCE QUINTANO**

Seduta tat-23 ta' Frar, 2009

Numru. 396/2004

**Drogi 396/04**

**Il-Pulizija**
**(Supretendent Neil Harrison)**

**Versus**

**Godfrey Ellul**

Il-Qorti

1. Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra Godfrey Ellul ta' 54 sena iben Renato u maria Dolores nee Perrett imwieled tas-Sliema fis-16 ta' Lulju 1948 residenti ġewwa il-Faċilita' Korrettiva ta' Kordin u detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 606448 (M)

2. Akkużat talli f'dawn il-Gżejjer fl-24 ta' Marzu, 2002 u matul l-aħħar ġranet qabel dina d-data

a) kellu fil-pussess tiegħu d-droga kokaina speċifikata fl-Ewwel Skeda tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi Kap 101 tal-Liġijiet ta' Malta meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni għall-importazzjoni jew esportazzjoni maħruġ mit-Tabib Prinċipali tal-Gvern skond id-dispożizzjonijiet tar-4 u s-6 Taqsima tal-Ordinanza u meta ma keinx bil-liċenzja jew xort'oħra awtorizzat li jimmanifattura jew li jforni d-droga msemmija u ma kienx b'xi mod ieħor, bil-liċenzja mill-President ta' Malta li jkollu fil-pussess tiegħu dina d-droga u naqas li jipprova li d-droga msemmija ġiet fornuta lilu għall-użu tiegħu skodn ir-riċetta kif provdut fir-regolamenti msewmmija u dan bi ksur tar-regolament 9 tar-regoli tal-1939 dwar il-kontroll Intern tad-Dorgi Perikolużi (GN 292/1939) kif sussegwentement amendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi Kap 101 tal-Liġijiet ta' Malta, **liema droga nstabet f'tali ċirkostanzi li juru li ma kenitx għall-użu esklussiv tiegħu.**

b) talli wkoll sar reċidiv b'sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati ta' Malta (Awla 8) mogħtija fit-23 ta' Frar, 1999.

3. Rat l-atti kollha tal-proċess inklużi l-Ordni tal-Avukat Ġenerali tal-14 ta' Novembru 2002, iċ-ċertifikat tat-twelid bin-numru 6064 tal-1948, il-fedina penali tal-imputat (fol.5 et), il-konferma tal-esperti maħturin fl-inkjesta (fol.7), il-proces-verbal datat 15 t'Ottubru 2004, is-sentenza datata mill-MAġistrat (illum Imħallef) Dr.Noel Cuschieri fl-ismijiet 'L-Ispettur Nicholas Ciapapra versus Godfrey Ellul' (ID 606448(M)) fejn kienet imposta multa ta'' Lm200 fuq l-imputat, id-dokument EE1 U EE2 a fol.127, id-dikjarazzjonijiet kontradittorji magħmula mill-Prosekuzzjoni u mid-Difiża dwar l-applikkabbilita' o menao tal-artikolu 29 tal-Kap 101, il-verbal li fih il-proċes tħalla għall-provi difiża u trattazzjoni (fol.130) (12 ta' Marzu 2007).

4. Semgħet ix-xhieda bil-ġurament.

5. Semgħet u / jew rat it-trattazzjonijiet magħmula mill-abbli Prosekutur u mill-abbli Difensur.

Ikkonsidrat

6. Is-Supretendent Neil Harrison xehed fit-22 ta' Noembru 2004 u qal li kien bagħat diversi membri tal-Pulizija sabiex jagħmlu tfittxija fir-residentza tal-imputat jiġifieri San Ġwann Falts Flat 8A Saint George's Street Paceville San Ġiljan. PC 213 u PC 579 osservaw li dak il-ħin kienu qed jintefgħu diversi oġġetti mill-gallerija tal-flat u dawn l-affarijiet kienu spiċċaw f'building site li hemm bieb ma' bieb mal-blokk ta' appartamenti fejn joqgħod l-imputat. PS 951 u PC 10 sgassaw il-bieb tal-falt u daħlu ġewwa fejn sabu tfajla Russa. Instabu affarijiet oħra li kellhom x'jaqsmu mal-abbuż tad-droga inklużi qratas vojta. Meta l-Pulizija eżaminat l-affarijiet li kienet rat jintremew mill-flat tal-imputat , kien hemm madwar 5 grammi kokaina, kien hemm żewġt imwieżen u oġġetti oħra.

7. Fl-istqarrija l-imputat qal li meta kienu marru l-Pulizija, hwua ma fetaħx mill-ewwel sakemm kelli xi droga u affarijiet oħra konnessi mad-droga li huwa rema mit-tieqa. Huwa rmihom mill-gallerija għall-post li kien qed jinbena ħdejh. Huwa rema borża li kien fiha xi ħames grammi kokaina kif ukoll pipa li kien juża biex ipejjep il-kokaina, Huwa qal li l-affarijiet kienu tiegħu. Dwar il-magazine u xi karti f'forma ta' pakketti - dawn ma kinux tiegħu iżda ta' persuan oħra li ma xtaqx jikxef ismu. (fol.85).

8. Huwa qal li kien jieħu droga skond kemm jaqla' flus. Meta jieħu, jieħu ħafna, inkella ma jieħu xejn. Huwa qal ukoll li ma ien ħa ebda droga quddiem it-tfajla Russa.

9. PC 213 Nikolai Borg xehed li malli daqqew il-qanpiena tal-flat tal-imputat, semgħu l-bieb tal-gallerija jinfetaħ u raw l-affarijiet jintremew fil-bini li kien tiela' mal-ġenb. Raw żewġ boroż neżlin u xi miżien. Huwa mmarka l-postijiet fejn kienu qed jaqgħu l-affarijiet. Wara li saret tfitxija fil-falt, marru jelevaw l-affarijiet u qalu lil tal-forensika. Meta ntwera r-ritratti, huwa għaraf il-gallarija fejn ra id tarmi l-affarijiet. Huwa għaraf ukoll iż-żewġ imwieżen u l-affarijiet l-oħra li kienu sabu.

10. Xehed ukoll PC 579 Antoine Micallef li qal li mallu ħabbtu l-bieb tal-imputat, mill-gallerija ħarġet id ta' raġel u ntremew boroż tal-plastik, flixkun ilma u żewġt imwieżen . Meta kienu muri r-ritratti, ix-xhud għaraf l-għalqa li hemm ma' ġenb ir-residenza fejn il-flats fejn kienu waqgħu l-affarijiet. Fir-ritratt 111 tidher ukoll il-gallerija min fejn intremew l-affarijiet. Waqt it-tftittxija kienu preżenti kemm l-imputat kif ukoll mara barranija. Ix-xhud għaraf l-affarijiet li kien hemm fil-flat fosthom l-istraws. (fol.95).

11. Kienet ippreżentata wkoll is-sentenza 'Il-Pulizija versus Godfrey Ellul' (ID 606448(M)) (fol.99)(mogħtija fit-23 ta' Frar 1999. Dan in-numru tal-ID card jaqbel eżatt ma' dak tal-imputat. L-identita' kienet ikkonfermata mis-Supretendent Nicholas Ciappara . (Fol. 112)

12. Xehed ukoll PC 10 Trevor Cassar Mallia li qal li kien avżat minn PC 579 u PC 213 li kienu qed jintremew xi affarijiet għal ġo building site. Kienet saret tfittxija fil-building site fejn kienu elevate l-affarijiet imsemmija aktar 'il fuq. (fol. 102). Huwa kkonferma li l-affarijiet li kienu jidhru fir-ritratt kienu l-istess li kienu jidhru elevate mill-għalqa fejn kien qed jitla' l-bini.

13. Xehed l-ex PS 951 Joseph Tonna li qal li kien ta struzzjonijiet lill-PC 579 u PC 10 biex jitilgħu fqu il-bejt ħalli josservaw x'ser jiġri wat li hu u PC 213 kellhom imorru iħabbtu l-bieb. Meta l-bieb ma nfetaħx, tefgħu l-bieb ġewwa. Qabel am daħlu eżatt kien infurmat li l-imputat kien intlemaħ iwaddab l-affarijiet. Għalehkk huwa ta struzzjonijiet lill-PC 579 sabiex dan joqgħod għassa mal-affarijiet. Wara kienu elevati l-affarijiet mill-għalqa.

14. Il-Prosekuzzjoni għalqet il-provi fl-14 ta' Frar 2006.

**Xhieda Difiża**

15. Xehed l-imputat a fol 115 et fit-8 ta' Mejju 2006. Huwa qal li kellu 5 grammi kokaina b'purita' ta' 60%. Dan huwa ammont li tpejpu f'sagħtejn jew tlieta. Din kienet għall-użu

personali tiegħu.  Il-miżien kien jixtrih biex jixtri għax inkella jidħku bik.  Dak iż-żmien kien jieħu ħafna droga.

16. Fil-kontro-eżami huwa kkonferma li kien rema l-affarijiet mit-tieqa u li kollha kienu tiegħu.

17. L-imputat qal li kien ta informazzjoni lill-Prosekutur dwar is-sors iżda dak il-ħin moħħu kien mar blank.  Huwa kien qed jgħix bil-flus ta' missieru li kien ħallilu Fiat Uno u xi bini.

18. Xehdet ukoll Elizabeth k/a Bekka Ellul li qalet li kellha l-karti tal-bejgħ li għamlu tal-porprjetajiet 71 u 72 Christopher Street, Ball Street Paceviell, Santa Venera. Il-flat tagħha kien inxtara minn għand l-imputat. Il-karozza kien biegħha Lm2200.  Kellu wkoll commission fuq flat ta' madwar Lm1800. Kienu ppreżentati żewġ dokumenti EE1 u EE2.

19. L-imputat xehed li kien iġib id-droga minn għand wieħed I.C. (ara fol.131). Ma kienx jaf f'liema parti tar-raħal ta' R---kien joqgħod. (Fol.132).  Hu qal li kien hemm prova li kien jixtri minn għand min semma għax kien iħallas biċ-ċekk.

20. Tela' jixhed ukoll l-ispettur Norbert Ciappara (fol 137). Il-qofol  tar-risposta qegħda a fol. 141 fejn qal li l-imputat qatt ma ien tah informazzjoni minn fejn ġiet id-droga. Jidher (ara fol 143) li l-imputat ma kenitx għoġbitu l-piena li kienet isssuġġeriet il-Pulizija f'dawk il-proċeduri.

**Konsiderazzjonijiet tal-Qorti**

21. Ma jidhirx li hemm kontestazzjoni li l-imputat rema 'l barra l-kokaina u l-imwieżen.  L-imputat qal li kellu madwar 5 grammi kokaina u li dawn kont tpejjiphom f'sagħtejn jew tlieta. Dwar l-imwieżen huwa qal li dawn

kienu neċessrji biex tara li meta tixtri l-kokaina, ħadd ma jidħak bik.

22. Forensikament l-ammont ta’ kokaina misjub huwa qrib ħafna dak indikat mill-imputat għax jammonta għal 4.566 grammi u traċċi(li kien hemm fl-sitraws u fuq l-imwieżen) (Fol 56). Filfatt a fol 54 u 55hemm lista ta’ affarijiet (daqqa xi tubu u daqqa xi straw) fejn istabu traċċi (b’kollox 15-il oġġett li fihom instabu t-traċċi).

23. Għaldaqstant il-pussess sempliċi huwa ppruvat.

24. Dwar il-pussess aggravat, l-imputat xehed li meta kien ikollu l-flus kien jieħu ħafna u meta ma jkollux ma kien jieħu xejn. Huwa ġieb prova li huwa kien wiret kemxa mhux ħażin – kif jidher minn xi figuri fid-dokumenti indikati EE1 u EE2. Ma’ dawn wieħed irid iżid ir-raġunijiet mogħtija tliet paragrafi aktar ‘il fuq.

25. Bir-rispett kollu l-Qorti ma ssibx din id-difiża konvinċenti. L-ewwelnett l-ammont ta’ 4.566 grammi ta’ kokaina b’purita’ ta’ 60% huwa ammont għoli ħafna u mhux kif qede tipprova tpinġi l-affarijiet id-difiża bħala xi ammont irriżorju. (Ara n-Nota tal-Osservazzjonijiet f’paġina 2.) Lanqas m’hi konvinta l-Qorti bl-argument li għax b’riżultat tal-combustion tintilef ħafna kokaina, allura l-ammont ta’ 4.556 grammi huwa wieħed negliġibbli. Dan huwa effettivament ammont li minnu wieħed jsita’ joħroġ ħanfa qratas**. Din il-prova weħidha hija biżżejjed biex tikkonvinċi l-Qorti li l-imputat ma kellux dan l-ammont ta’ kokaina għalih biss.**

26. Kif intqal fis-sentenza ‘Il-Pulizija versus Carmel Spiteri’ tat-2 ta’ Settembru 1999 (Appell Numru 327/98) mill-Qorti tal-Appell Kriminali:

‘Kif tajjeb osservat l-Ewwel Qorti, meta l-ammont ta’ droga jkun pjuttost sostanzjali din tista’ tkun ċirkostanza li waħidha tkun biżżejjed biex tissodsfa lill-Qorti li dak il-pussess ma kienx għall-użu esklussiv tal-ħati.’

L-istess intqal aktar reċenti (15 t'Ottubru 2008) fis-sentenza mogħtija mill-Onor Dr.David Scicluna fl-ismijiet 'Il-Pulizija versus Martin Farrugia'

'Issa, prova ossia ċirkostanza waħda tista', tkun biżżejjed biex tissodisfa lill-Qorti lill hinn minn kull dubjku dettat mir-raġuni li l-pussess tad-droga in kwistjoni ma kienx għall-użu esklussiv tal-pussessur.' (fol.6)

27. Pussess f'dan l-ammont ta' kokaina mkien m'hu meqjuż bħala għall-użu personali ukoll jekk l-imputat ipprova jgħid li f'sagħtejn tpejjip l-ammont misjub. (Il-Qorti tfakkar ukoll li kien hemm diversi kundanni ta' prigunerija ukoll f'każi ta' pussess fejn dan kien wieħed serju: Ara: Il-Pulizija versus Toornstra u  Il-Pulzija versus Marius Magri fost oħrajn).

28. Iżda barra dan hemm il-preżenza tal-imwieżen.  Il-Qorti mhix konvinta li ġab l-imputat li l-miżien (filfatt instabu tnejn) kien/u biex jara li ħadd ma jidħak bih.  Dan hija skuża assolutament inaċċettabbli.

29. Id-difiża ssottomettiet li din mhix ċirkostanza univoka u qabbel il-mara tad-dar li jkollha miżien biex tiżen u mhux biex tbiegħ.  Bir-rispett kollu, it-taqbil mas-sitwazzjoni ta' mara tad-dar mhux konvinċenti. L-imputat mhxu mara tad-ar u mkien ma qal li kien juża l-miżien biex jara l-ingredjenti ta' xi tisjira kemm jiżnu.  Dwar l-univoċita', il-Qorti qed tagħmilha ċara li mhix qed tqis il-preżenza tal-miżien biss, iżda wkoll tal-ammont, tal-purita',  tal-qratas u l-mod kif xehed l-imputat minn fuq il-pedna tax-xhieda.  Kif tista' l-Qorti temmen il-verżjoni tal-imputat meta dan tant huwa inattendibbli li lanqas fuq dik li hi għajnuna lill-Pulizija ma seta' jitwemmen għax dak li qal hu kien imxejjen mill-Ispettur Norbert Ciappara. (Ara 137 ff)

30. Fuq kollox kien hemm ukoll il-qratas vojta. Fin-Nota ta' sottomissjonijiet magħmula mid-difiża  (ippreżentata 5 ta' Jannar 2009) intqal li dawn kienu vojta  u fid-dar.  Id-difża argumentat hekk;

‘Dawn il-karti vojta kienu fid-dar u lanqas jista’ jingħad li kien hemm tentattiv ħa jintlew, u jintlew bil-kokaina. Kieku kien ikun differenti kieku l-qratas mimlija nstabu fuq l-imputat meta kien barra.’

31. Il-Qorti ma tarax li hemm bażi f’din is-sottomissjoni. Il-qratax ma jistgħux jittieħdu bħala element weħidhom iżda jridu jitqiesu fi sfond ta’ preżenza ta’ mwieżen (imqar jekk wieħed ma kienx jaħdem) u mal-ammont. Fi sfond kumulattiv bħala dan il-qratas ma jibqgħux element innoċenti imma parti minn pjan biex wieħed iforni. X’joqgħod jagħmel b’dawk il-qratas kollha meta d-droga wieħed irid jikkonsmaha hu?

32. Għalhekk il-Qorti għandha fuq naħa waħda l-provi inkontrovertibbli tal-Prosekuzzjoni (ammont u mwieżen) u sottomissjoniet difensjonali xejn konvinċenti.

33. Il-Qorti qed tiddeċiedi li l-Prosekuzzjoni ppruvat l-ewwel imputazzjoni.

34. Il-Prosekuzzjoni ippruvat it-tieni imputazzjoni billi ppreżentat is-sentenza u nġabet l-identita’.

35. Il-Qorti, wara li rat l-artikoli 49 u 50 tal-Kap 9, kif ukoll ir-regolament 9 tal-GN 292/1939 u l-artikoli 22(1)(a), 22(2)(b)(i)(ii) tal-Kap 101 issib lill-imputat ħati taż-żewġ imputazzjonijiet dedotti kontrih.

36. Dwar il-piena l-Qorti qed tqis dawn l-elementi:

(a) Li l-imputat huwa reċidiv
(b) Li l-fedina penali tiegħu mhix waħda nadifa.

Il-Qorti ma taqbilx li l-imputat għandu jibbenefika mill-artikolu 29 tal-Kap 101, għaliex, dan il-benefiċċju għandu jingħata biss meta l-imputat iwassal biex jinqabad it-traffikant kif diġa’ ġie ritenut mill-Qorti tal-Appell Kriminali. L-imputat ma qal xejn fl-istqarrija, ma qal xejn meta xehed l-ewwel darba, u ma żied assolutament xejn ġdid meta xehed it-tieni darba. Ix-xhieda tal-Ispettur Norbert Ciappara tgħid il-bqija tal-istorja.

37. Fl-isfond ta’ dan kollu l-Qorti qed tikkundanna lill-imputat għall-piena ta’ priġunerija ta’ sentejn u għall-ħlas ta’ multa ta’ € 1000 liema multa tista’ titħallas b’rati ta’ €100 fix-xahar bl-ewwel pagament iseħħ fi żmien erba’ ġimgħat mil-lum. Jekk xi pagament ma jitħallasx, il-bilanċ ikun dovut f’daqqa. Jekk xi parti minn din il-multa ma titħallasx, din għandha tinbidel f’jum priġunerija għal kull €11.65 li ma jitħallsux.

38. Il-Qorti mhix tapplika l-artikolu 533 tal-Kap 9 għaliex l-esperti kollha nħatru matul inkjesta li saret qabel is-16 ta’ Jannar 2006.

39. Il-Qorti qed tordna d-distruzzjoni tad-droga taħt is-sorveljanza tar-Reġistratur.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------